MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 2439/1999/1

**Martin u Phyllis mizzewgin Degabriele f'isimhom proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta' Oasis Tours**

**v.**

**John Saliba**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2002. Permezz ta' citazzjoni presentata fit-8 ta' Novembru 1999, l-atturi ppremettew li l-

konvenut, bil-vettura tieghu, kien habat fit-3 ta' Lulju 1999 mal-vann Ford Transit 17-seater proprjeta` taghhom bin-numru ta' registrazzjoni **GMY 109**; illi huma kienu sofrew danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* ammontanti ghal elf erba' mija u sebgha w sittin lira u sebgha w ghoxrin centezmu (Lm1,467.27); illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti; premess dan huma talbu li dik il-Qorti (1) tiddikjara li responsabbli unikament ghas-sinistru u ghad-danni konsegwenzjali kien il-konvenut; u (2) tikkundanna lill-konvenut ihallashom l-imsemmija somma jew somma verjuri bhala danni subiti minnhom bhala hsara fil-vettura kif ukoll bhala telf ta' qliegh derivanti mill-imsemmi incident – "bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni sal-jum tal-pagament effettiv…".

2. Il-konvenut eccepixxa li huwa kien diga` ammetta r-responsabbilta` ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u li ghalhekk ma kellux ibati l-ispejjez konnessi ma' din it-talba. Fit-tieni lok huwa eccepixxa li d-danni reklamati kienu esagerati u ma kienux jirriflettu d-danni kawzati fl-istess incident, u li ghalhekk huwa ma kellux ibati spejjez.

3. L-ewwel Qorti iddecidiet hekk: *"Ghall dawn il-motivi tiddeciedi billi: 1. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel talba blli din kienet diga ammessa mill-konvenut qabel il-kawza (ara xhieda attur) spejjez ghall-attur; 2. Tkkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u wiehed u tmenin lira maltin u ghxrin centezmi (Lm1,281.27), bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-eventwali pagament; u 3. Bl-ispejjez kwantu ghal 1/7 ghall-atturi u 6/7 ghall-konvenut."* U dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Ir-responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni diga` giet ammessa. L-attur xehed li l-konvenut kien accetta t-tort billi d-daqqa kienet fuq wara (fol. 26) izda ma kienx qed jaqbel fuq il-kwantum tad-danni kagjonati, specjalment il-*loss of use*.

Il-provi f'dina l-kawza ngabu fuq id-danni biss. Dwar *labour* u *spray* gie prodott **Joseph Borg,** tellar u *sprayer*,

li kkonferma d-dok. “A” fol. 10. Hu xehed li x-xoghol kien ghamlu hu, u thallas minghand l-attur. Ix-xoghol dam disat ijiem u bil-*weekend*, tnax (12) il-gurnata.

Fuq il-*loss of use* hu qal li skond is-*Survey Report*, il-*loss of use* kellu jkun ta’ erbat ijiem izda dam aktar. Ix-xoghol dam biex jinbeda billi s-*surveyor* dam ma jigi. L-attur kien ha l-van is-Sibt. L-erbat ijiem bdew minn meta sar is-*survey*. Hu dam erbat ijiem biex isewwi.

L-attur ikkonferma li hu kien ha l-van is-Sibt, 3 ta’ Lulju, 1999. Ix-xoghol kellu jibda it-Tnejn, 5 ta’ Lulju izda s-*surveyor* kien mar il-Hamis, 8 ta’ Lulju u x-xoghol spicca fl-14 ta’ Lulju. Hu qal (ara fol. 65) li l-*insurance* kienu qalulu li kienu ser jibghatu s-*surveyor* it-tnejn imma baghtuh il-Hamis. Dan ma giex kontradett u d-dokument a fol. 70 mhux prova sufficjenti biex twaqqa dak li xehed l-attur bil-gurament fuq meta kellu jmur is-*surveyor*. L-insurance riedu jhallsu biss tal-erbat ijiem miftiehma mas-*surveyor* izda l-attur m’accettax.

**Hugh Zammit** ghal assikurazzjoni xehed li huma ma kienux qablu fuq il-*loss of use* tal-minibus. L-attur qed ighid li l-van dam tnax (12) il-gurnata biex jissewwa izda l-attur qatt ma nfurmahom li t-tiswija kienet ser iddum iktar mill-erbat ijiem li tah is-*surveyor*. Il-van kien qed jinqeda bih kif jidher mir-ritratti ezibiti.

Illi jirrizulta mill-provi li effettivament il-van dam biex issewwa hamest (8,9,12,13,14) ijiem cioe’ mit-8 sal-14 li ma jinkludux il-*weekend*. L-attur qal li s-*surveyor* kellu jmur t-Tnejn, 5 ta’ Lulju biex ix-xoghol jibda izda s-*surveyor* ma marx. Is-*surveyor* xehed li l-van kien rah fit-8 ta’ Lulju u kien gie infurmat mill-assikurazzjoni biex jaghmel is-*survey* gurnata qabel.

Ghalhekk il-kwistjoni li tibqa’ hija jekk l-attur ghandux jithallas ghat tlett ijiem bejn il-5 sas-7 ta’ Lulju meta l-karozza kienet fil-garage u x-xoghol ma setghax jibda billi s-*surveyor* ma kienx ghadu mar.

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-granet ghandhom jinghataw ukoll lill attur billi l-assikurazzjoni kellhom jibghatu s-*surveyor* it-Tnejn izda baghtuh il-Hamis. L-attur ma setghax juza il-vanijiet ohra li kellu  billi dawn kellhom il-programm taghhom, u l-van il-mahbut ma setghax jintuza kif kien billi l-*emergency door* ma setghax jinfetah.

Ghalhekk l-attur hu ntitolat ghal disat ijiem b'kollox bhala *loss of use*, u cioe' mill-5 sas-7 ta' Lulju,  l-erbat ijiem skond is-*survey*, u l-jumejn tal-*weekend* tal-10 u l-11 ta' Lulju meta l-van kien ghadu gewwa jissewwa. B'Kollox Lm558.

L-attur talab is-somma ta' Lm1,467.27 (ara fol. 7). Minflok l-ammont ta' Lm744 ghall *loss of use*, ghandu jiehu biss Lm558. Ghalhekk b'kollox l-attur ghandu jithallas Lm1,281. 27."

4. L-atturi appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji huma erbgha u ser jigu kkunsidrati *seriatim*. Ma sar ebda appell incidentali.

5. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li l-konvenut kien diga' ammetta t-tort ossia r-responsabbilta` tieghu ghall-incident b'mod li l-ewwel talba attrici kienet superfluwa. Huma jikkontendu li anke jekk, se mai, is-socjeta` assikuratrici kienet qed taqbel dwar minn kien responsabbli ghall-incident, dan ma jfissirx neccessarjament li l-konvenut, li kontra tieghu saret din il-kawza, kien qed jaqbel. Il-konvenut appellat, min-naha tieghu, jikkontendi li s-socjeta` assikuratrici kienet ammettiet ir-responsabbilta` ghan-nom tieghu. Din il-Qorti tara li l-appellanti ghandhom ragun. Il-kawza odjerna saret kontra John Saliba unikament u personalment, u ma hemm xejn fl-atti (inkluzi d-deposizzjonijiet tal-attur appellant Martin Degabriele a fol 26 u tar-rappresentant tas-socjeta` assikuratrici, Hugh Zammit, a fol. 62) li jindika li n-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-imsemmija socjeta` dwar ir-responsabbilta` jew addirittura l-accettazzjoni da parti taghha li t-tort kien ta' Saliba tekwivali ghal ammissjoni da parti ta' l-istess Saliba. Kienu ghalhekk korretti. L-ewwel darba li jirrisulta li

Saliba ammetta r-responsabbilta` ghall-incident kien fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu (fol. 16).

6. It-tieni aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu kont tal-granet kollha li fihom il-van taghhom ma setghetx tintuza ghax-xoghol minhabba l-hsara li kienet garrbet, li skond l-atturi appellanti kien ta' tnax-il gurnata, u cioe` mis-Sibt 3 ta' Lulju 1999 sal-Erbgha 14 ta' Lulju 1999. L-appellat jikkontesta bazikament is-somma ta' Lm744 reklamata bhala *"loss of use".* Issa, mill-provi jirrizulta – ara d-deposizzjoni ta' Anton Muscat, fol. 25 – li dan l-ammont ta' Lm744 suppost li effettivament jirrapresenta l-flus li l-atturi hallsu biex is-socjeta` Kopta-Co Coaches tipprovdi l-vettura u servizz li kellhom bzonn sakemm il-vann taghhom ma kienx qed jintuza. Infatti l-imsemmi Muscat jghid "Hu [Martn Degabriele] hallas l-ammont indikat fuq dan id-dokument." Din il-Qorti, wara ezami akkurat tad-dokumenti ezibiti, hi tal-fehma li m'ghandhiex takkolji dana l-aggravju, u dan ghal raguni wahda u semplici. Biex din il-Qorti tkun tista' takkolji dana l-aggravju hu mehtieg ri-ezami mhux biss tad-deposizzjonijiet li nghataw quddiem l-ewwel Qorti izda wkoll tad-dokumenti ezibiti quddiem dik il-Qorti. Issa, d-dokument li a bazi tieghu l-appellanti qed jirreklamaw l-ammont ta' Lm744 huwa dak li hemm a fol. 12 tal-atti u li kopja tieghu terga' tinsab a fol. 28. Dan id-dokument jirreferi ghall-vettura **IMY 386**. Din, skond ic-citazzjoni, ma hix il-vettura li kienet involuta fl-incident. Infatti, id-dokument a fol. 5 – l-"Statement of Facts on a Front to Rear Collison" – li sar fit-3 ta' Lulju 1999 (id-data tal-kollizjoni) kjarament isemmi l-vettura GMY 109 (kif imsemmija fic-citazzjoni), mentri d-dokument (*invoice/chash sale*) tal-*panel beater* u *sprayer* (fol. 10 u 30) li jgib id-data tal-15 ta' Lulju, 1999 jirreferi ghall-vettura IMY 386. U stranament hekk ukoll jaghmel is-*survey report*, fol. 43 – dan jirreferi ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IMY 386. Dan it-tahwid jidher li sfugga lill-ewwel Onorabbli Qorti, u jidher li sfugga wkoll lill-konvenut u possibilment anke lis-socjeta` assikuratrici. Pero` peress li din il-Qorti giet imsejha, permezz ta' dan it-tieni aggravju, biex terga' taghmel valutazzjoni mill-gdid tal-provi (specifikatament fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm744

indikat fuq id-dokument a fol. 12 u 28), u peress li din il-Qorti hi tal-fehma li l-provi fir-rigwarda huma totalment inattendibbli, dana l-aggravju ma jisthoqqlux li jigi kkunsidrat aktar, u konsegwentement qed jigi respint.

7. It-tielet aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza peress li hawn ma kienx kaz ta’ somma *da liquidarsi* imma talba ghal danni likwidati u cioe` somma certa. Ir-raba’ aggravju jirrigwarda l-mod kif tqassmu l-ispejjez (hlief ghal dawk rigwardanti l-ewwel talba). Issa, huwa veru li l-gurisprudenza hi fis-sens li meta si tratta ta’ somma certa u likwida l-imghaxijiet jibdew jghaddu mid-data ta’ meta jkun sar id-dannu. Pero` fil-kaz in dizamina, tenut kont tal-fatt li din il-Qorti ghandha dubbji serji kemm il-vettura li taghha saret stima u li fuqha saru tiswijiet kienet verament il-vettura li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku msemmi fic-citazzjoni, din il-Qorti mhix ser tvarja d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward ta’ l-imghaxijiet. U peress li din il-Qorti qed tirrespingi it-tieni aggravju tal-appellanti, ma hemmx lok li jigi milqugh anqas ir-raba’ aggravju.

8. Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell limitatament fis-sens biss illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn iddecidiet li l-ispejjez konnessi ma’ l-ewwel talba ghandhom jigu sopportati mill-atturi u minflok tordna li dawn l-ispejjez ikunu sopportati bhall-bqija ta’ l-ispejjez (jigifieri 1/7 ihallsuhom l-atturi u 6/7 il-konvenut), izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------